

Uċuh nazzjonali ġodda tal-muniti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni

(2013/C 309/03)

Fid-9 ta' Lulju 2013, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li r-Repubblika tal-Latvja tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro fl-1 ta' Jannar 2014 ⁽¹⁾.

Mill-1 ta' Jannar 2014 ir-Repubblika tal-Latvja se toħroġ muniti tal-euro, suġġett għall-approvazzjoni mill-BĊE tal-volum tal-ħruġ (cf. l-Artikolu 128(2) tat-Trattat dwar il-Funjonament tal-Unjoni Ewropea).

Il-muniti tal-euro għaċ-ċirkolazzjoni għandhom l-*istatus* ta' valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Il-Kummissjoni tippubblika d-disinjii l-ġodda kollha tal-muniti tal-euro ⁽²⁾ bil-ħsieb li tinforma lill-partijiet kollha kkonċernati mitluba li jużaw il-muniti f'xogħolhom kif ukoll biex tinforma lill-pubbliku b'mod ġenerali.



Il-pajjiż li qed joħroġ il-munita: Ir-Repubblika tal-Latvja

Data tal-ħruġ: Jannar 2014

Deskrizzjoni tad-disinjii:

Il-muniti taċ-ċenteżmu, taż-2 ċenteżmi u tal-5ċenteżmi tal-euro juru emblema żgħira tar-Repubblika tal-Latvja. Fil-qiegħ, il-pajjiż li qed joħroġ il-munita "LATVIJA". Fin-naħa tax-xellug, is-sena "2014".

Il-muniti tal-10 ċenteżmi, tal-20ċenteżmi u tal-50 ċenteżmi tal-euro juru emblema kbira tar-Repubblika tal-Latvja. Fil-qiegħ, is-sena 2014 u l-pajjiż li qed joħroġ il-munita "LATVIJA".

Il-muniti taċ-ċenteżmu u taż-2 ċenteżmi tal-euro juru figura ta' mara folkloristika, li oriġinarjament kienet impingġja fuq in-naħa ta' wara tal-muniti tal-fidda tal-5-lats tal-1929. Fuq ix-xellug, f'nofs ċirku, il-kelma "LATVIJAS" u s-sena "2014" u fuq il-lemin, f'nofs ċirku, il-kelma "REPUBLIKA".

Iċ-ċirku estern tal-munita jirrappreżenta t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-ittri fuq ix-xifer tal-muniti taż-2 euro huma l-ewwel linja tal-innu nazzjonali – "DIEVS SVĒTĪ LATVIJU" ("ALLA JBIEREK IL-LATVJA").

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 dwar l-adozzjoni tal-euro fil-Latvja fl-1 ta' Jannar 2014 (ĠU L 195, 18.7.2013, p. 24).

⁽²⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1, ĠU C 254, 20.10.2006, p. 6 u ĠU C 248, 23.10.2007, p. 8 għal referenza għall-muniti euro l-oħra.